MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 161/2007

Alfred Meli u Grace Meli
vs
Anton Meilak u Dr. Maria Meilak

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih ippremettew:

Illi permezz ta' ittra mibghuta lilhom mill-avukat Dr. Robert Abela tad-19 ta' Dicembru 2006 (Dok A) huma ircevew taxxa tal-Qorti rigward il-kawza Cit. Nru: 1215/05JRM fl-ismijiet Anton Meilak et vs Alfred Meli et.

Illi din il-kawza giet deciza fit-18 tA' Ottubru 2006 mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili. (Dok B).

Illi r-rikorrenti qatt ma gew notifikati la bic-citazzjoni u lanqas bl-avviz tas-smiegh u ghalhekk ma setghux jidhru fil-kawza u lanqas jiddefendu ddrittijiet taghhom.

Illi din is-sentenza hija ta’ pregudizzju kbir ghar-rikorrenti.

Illi jidher car li l-atti tac-citazzjoni u l-avviz inghataw lil persuna ohra kif jidher mir-riferta tal-marixxall Dok C.

Illi barra minnhekk, ir-riferti l-ohra ma jindikawx kjarament fejn mar ezatt il-Marixxal bl-atti tal-kawza ghax m’hemmx indirizz fejn mar (Dok D u Dok E).

Illi r-rikorrent Grace Meli ma tahdimx u tkun dejjem id-dar u li kieku l-Marixxall mar bl-atti tal-Qorti fl-indirizz taghha zgur li kien isibha.

Illi r-rikorrent ilu fil-pussess *animo domini* ta’ l-art in kwistjoni ghal aktar minn tletin sena u hadd qatt ma avvicinah biex jghidlu li l-art hija tieghu tant li meta hadha minghand zijuh dejjem emmen li dik kienet proprjeta` tieghu.

Illi l-intimati hallew apposta z-zmien ta’ l-appell jghaddi u infurmaw lir-rikorrenti sempliciment biex ihallsu l-ispejjez gudizjarji tal-kawza.

Illi r-rikorrenti ghalhekk ma gewx notifikati kif suppost u tezisti raguni sufficjenti sabiex tintalab ritrattazzjoni taht l-art. 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li in bazi tal-premess jezistu ragunijiet bizzejjed ghal ritrattazzjoni skond il-ligi a tenur ta’ l-artiklu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(2) Thassar u tannulla s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, tat- 18 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet Anton Meilak et vs Alfred Meli et Cit.Nru. 1215/05JRM.

(3) Tordna r-ritrazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Anton Meilak et vs Alfred Meli et (Cit Nru 1215/05JRM) deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta’ Ottubru 2006 biex

b'hekk ir-rikorrenti jkunu jistghu jharsu d-drittijiet taghhom skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimati li biha ippremettew:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dana peress illi r-rikorrenti gja konvenuti fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazz. Nru. 1215/05JRM, deciza fit-18 ta' Ottubru 2006, kienu gew debitament notifikati bil-procedura ta' l-affissjoni u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnal lokali, u dan kif jirrizulta mill-atti processwali ta' dik il-kawza u kif ukoll mis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2006.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Alfred Meli u qal li fiz-zmien in kwistjoni kien residenti 65, Thomas Street, Zabbar. Qal li z-ziju tieghu jismu A. Meli u kien joghqod numru 66. Semma li l-mara tieghu ma kenitx tahdem dak iz-zmien u d-dar kienet tkun regolarment. Qatt ma raw karti mwahhlin mad-dar taghhom.

Xehdet Grace Meli mart Alfred Meli u qalet li l-bieb taghhom qabel ma nbidel kien 28, Tumas Dingli Street u wara sar 65. Semmiet li qabel kien hemm fit-triq taghhom ukoll Anthony Meli, iz-ziju tar-ragel. Hi mara tad-dar u ikkonfermat li qatt ma mar xi marixall ihabbtilha jew jaghtiha xi ittra. In-numru taz-ziju tar-ragel kien 68.

Xehdet Marisa Grixti, oht Alfred Meli, u qalet li t-triq Tumas Dingli tafha u zijitha toqghod 65 waqt li z-ziju kien joqghod 66, joqghod faccata ghax in-numri bil-fard u biz-zewg u z-ziju joqghod ftit 'l isfel. In-numru 65 jidher car imwahhal mal-bieb ta' huha.

Xehed Nazzareno Mifsud li gie muri l-process 1215/05JRM, Anton Meilak et vs Alfred Meli et, fol 23 tal-process u qal illi hemmhekk gharaf il-kitba tieghu, il-firma tieghu. Semma li hu ma innotifikax lil Alfred u Grace Meli b'kopja tac-citazzjoni 9306 meta mar Haz-Zabbar ghax sab nies ohra u cioe` lil Joyce Mifsud b'I.D. card 24987/71. Zied li fil-11 ta' Mejju 2006 innotifika lil Alfred u Grace Meli, Haz-Zabbar bil-procedura ta' l-affissjoni billi wahhal kopja ta' dan l-att citazzjoni u avviz mal-post, Kunsill Lokali u ghassa bil-procedura ta' l-affissjoni. Hu hemm wahhalha f'60. Qal li fil-fatt hu jmur dejjem fl-indirizz moghti, fil-post indikat fuq il-*folder* tal-qorti. Qabel ma jwahhal affissjoni mhux darba jhabbat.

Il-procedura ta' l-affissjoni, wahhal wahda mal-post indikat lilu mill-Qorti, li huwa 65, Triq Tumas Dingli, Zabbar. Meta sab lil Joyce Mifsud kien sabha fl-indirizz Triq Tumas Dingli, 68 jidher.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fil-kaz in ezami qieghed jintalab mir-rikorrenti li din il-Qorti tiddikjara li jezistu ragunijiet bizzejjed ghal ritrattazzjoni a tenur ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 u li konsegwentement tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet **Anton Meilak et vs Alfred Meli et**, Citazz. Nru. 1215/05JRM.

Fl-artikolu 811 il-Qorti ssemmi li wahda mill-partijiet li jkollha interess tista' titlob li kawza tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza [811(b)]:
"(b)jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza;"

Din it-talba ssir b'rikors guramentat a tenur ta' l-artikolu 815. Skond l-artikolu 816 fir-rikors guramentat l-attur ghandu jsemmi wiehed mill-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka u r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni skond l-artikolu 811 u d-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jghoddu ghal dawk ir-ragunijiet kif ukoll ikun hemm spjega tal-fatti biex johorgu r-ragunijiet. Dan iwassal l-obbligu ta' rikorrent li jipprezenta rikors guramentat jekk ikun qed jitlob it-thassir ta' sentenza u li jindika r-ragunijiet tar-ritrattazzjoni. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti bhala ragunijiet isemmu n-nuqqas ta' notifika tar-rikors guramentat originali (tal-kawza 1215/05).

Ir-rikorrenti sostnew li huma qatt ma gew notifikati bl-ewwel kawza u ghalhekk naturalment dan jirrikjedi ezami dettaljat tan-notifiki attentati jew effettwati fil-kawza 1215/05.

Minn ezami tal-process 1215/05JRM u precizament fol 22 fejn mill-*folder* tan-notifiki l-konvenut jirrizulta mill-*folder* l-indirizz 65, Triq Tumas Dingli, Zabbar. Meta wiehed ihares lejn il-proces isib riferta negattiva b'"hadd ma fetah" u d-data ta' 06/01/06. Dan kien gie prezentat fid-19 ta' Dicembru 2005. Dan kien l-indirizz korrett tal-konjugi Meli.

Fid-9 ta' Marzu 2006 tirrizulta riferta ohra negattiva bil-kliem "sibt nies ohra Joyce Mifsud" izda f'dan il-kaz il-*folder* a fol 23 jaqra 68, Triq Tumas Dingli, Zabbar. Huwa ovvju li n-numru tal-bieb gie indikat hazin.

Il-*folder* a fol 33 huwa t-tielet tentattiv ta' notifika izda fih hemm riferta negattiva "ma fetah hadd" u l-indirizz indikat huwa 65, Triq Tumas Dingli, Zabbar.

Fit-2 ta’ Mejju 2006 il-konjugi Meilak talbu notifika wara l-hin legali u f’kaz ta’ ezitu negattiv permezz ta’ pubblikazzjoni u affissjoni, ghal liema rikors il-Qorti f’fol 34 ordnat in-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni a finijiet ta’ l-artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fl-artikolu 187(1) jinghad kif issir notifika:
‘187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha:…’

Dan l-artikolu wara jkompli jitkellem dwar notifika f’idejn persuni ta’ eta` anqas minn 14-il sena jew afflitti minn mard tal-mohh, rifjut ta’ notifika, persuni li jghixu abbord bastimenti. Fis-subartikolu 3 isemmi li jekk id-dhul fil-post tar-residenza ta’ persuna ma jkunx jista’ jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf il-Qorti tista’ tordna n-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni.

Il-ligi tal-procedura hija ta’ ordni pubbliku - Vol XVII p1 p 879 :
Il-ligi ta’ procedura hi ta’ ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi “*osservata alla lettera e non per equipollens”.*

Ir-rekwiziti ta’ notifika korretta huma ta’ natura ta’ ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*. (ara Qorti ta’ l-Appell 14.06.2001, **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

L-interpretazzjoni korretta ta’ dan kollu, inkluz procedura li ilha tintuza ghal tant snin hi li wara li jkun hemm riferta negattiva jkun hemm attentat ta’ notifika wara l-hinijiet legali u li f’kaz ukoll ta’ ezitu negattiv issir applikazzjoni tan-notifika permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni. L-attentati ta’ notifika saru minn Alfred u Grace Meli kif jirrizulta a fol 22 u 23 tal-process 1215/05. Strettament it-tieni attentat, ghalkemm fil-fehma ta’ din il-

Qorti mhux daqshekk necessarju fil-forma li sar, kien zbaljat billi kellu l-indikazzjoni ta' numu zbaljat fit-triq. Certament li bit-tielet attentat, a fol 33, kien ragonevoli li wiehed jimxi pass iehor, u infatti l-istess konjugi Meilak fit-2 ta' Mejju 2006 intavolaw rikors biex in-notifika tal-konvenuti f'dak il-kaz (konjugi Meli) issir wara l-hin legali u fil-kaz ta' ezitu negattiv permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni. Bid-digriet tal-Qorti ta' l-4 ta' Mejju 2006 il-Qorti laqghet it-talba ghall-affissjoni u pubblikazzjoni. B'hekk inqabez il-pass ta' l-attentat ta' notifika wara l-hin legali. Il-Qorti trid taghmilha cara li hi ma thossx li l-Qorti kif diversament presjeduta ghamlet xi zball izda sempliciment illi fl-interess tal-gustizzja meta wiehed iqis in-natura serja tat-talba fl-ewwel kawza u cioe` dikjarazzjoni ta' proprjeta` - azzjoni ta' rivendika – kien ikun ferm aktar opportun li dak il-pass isir. Wiehed irid ipoggi lilu nnifsu fil-pozizzjoni tal-konjugi Meli li f'daqqa wahda sabu lilhom infushom zvestiti mill-art *de quo* wara li minhaba li ma qrawx jew ma ndunaqwx bil-pubblikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali. Wara kollox ftit huma n-nies li joqghodu ta' kuljum jaqraw dawn it-tip ta avvizi. Hemm ukoll li l-konjugi Meli t-tnejn cahdu li qatt kien hemm xi karta tal-Qorti mwahhla mal-bieb taghhom. Wiehed irid jiftakar ukoll li fil-kaz in ezami kien hemm f'xi drabi t-tahwida tan-numri tal-bibien.

Il-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali hija procedura straordinarja u ghandha ssir b'kawtela kbira ghaliex jekk ma ssirx kif suppost tkun qeghda timpingi fuq id-dritt ta' *fair hearing*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis sive Frank Fenech vs Raymond Mallia noe**, (PA 28/4/2003 (PS) il-Qorti irriteniet illi:
'Tajjeb li jigi hawn osservat illi una volta l-Qorti taderixxi mat-talba konducenti ghan-notifika ta' l-att bl-affissjoni, imbaghad, jinkombi li l-formalita` shiha tad-dispost tal-ligi msemmi tigi segwita u ezegwita. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu di rigore, tant li jiddistingwi t-test tal-ligi fl-istat attwali taghha minn dak li kien precedentement qabel l-emendi ntrodotti ghall-Kodici bl-Att XXIV ta' l-1995 …

Minn dan kollu relatat jitnisslu dawn ir-riflessjonijiet:

(a) Fl-ewwel lok il-ligi tippreciza b’mod kristallin kif ghandhom isiru n-notifiki ta’ l-atti u kif allura jigi zgurat li kopja ta’ l-att li bih jigu inizzjati proceduri fil-kontenzjuz kellha tigi notifikata lill-persuna konvenuta. ’

Ma’ dan jizdied li n-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern a fol 37 tal-process 1215/05, jissemma Notifika: Alfred u Grace Meli, 68, Triq Tumas Dingli, Zabbar, u ghalhekk il-konfuzjoni tidher li kompliet f’dan l-istadju wkoll.

L-istess gara fl-Orizzont tat-28 ta’ Lulju 2006 a fol 40, kif jidher fil-process 1215/05 fejn ukoll jissemma Alfred u Grace Meli 68, Triq Tumas Dingli, Haz-Zabbar. Dan iwassal ukoll li anke hawnhekk ittiehed l-istess zball.

Ma jirrizultawx zbalji fin-notifika permezz ta’ l-affissjoni (a fol 36 tal-process).

In vista tal-premess, il-Qorti thoss li ma irrizultax b’mod car li n-notifika fl-ewwel process saret kif suppost kellha ssir u ghalhekk ghandha l-obbligu li fl-interess tal-gustizzja tiddikjara l-ksur ta’ l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 u li ghalhekk thassar u tannulla s-sentenza tal-Prim’Awla (ara **Iris Vella vs Joyce Micallef**, Qorti ta’ l-Appell, 29/05/95)

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-konjugi Meilak li l-konjugi Meli gew debitament notifikati.

Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti odjerni (konjugi Meli) u tiddikjara li jezistu ragunijiet bizzejjed ghar-ritrattazzjoni skond il-ligi.

Thassar u tannulla s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet Anton Meilak et vs Alfred Meli et, Citazz. Nru. 1215/05JRM.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------